

**RAKKOMANDAZZJONI Nru 2/2023 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR  
IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI  
EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA**

**tal-24 ta' Marzu 2023**

**dwar l-Artikolu 13(3a) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq [2023/821]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(1)</sup> ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 166(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 166(3) tal-Ftehim dwar il-ħruġ jipprevedi li r-rakkomandazzjonijiet għandhom isiru b'kunsens reċiproku.
- (2) Skont l-Artikolu 182 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll") jiffirma parti integrali minn dak il-Ftehim.
- (3) Meta bord ta' arbitraġġ ikun iddeċieda li r-Renju Unit ikun naqas milli jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(3a), it-tielet subparagrafu, tal-Protokoll, jenħtieġ li tinkiseb konformità rapida ma' tali deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ,

GĦAMEL IR-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

*Artikolu 1*

Il-Kumitat Konġunt jirrakkomanda lill-Unjoni u lir-Renju Unit dan li ġej:

F'każ li l-bord ta' arbitraġġ ikun iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 175 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, li r-Renju Unit ikun naqas milli jikkonforma mal-Artikolu 13(3a), it-tielet subparagrafu, tal-Protokoll, l-Unjoni u r-Renju Unit jaqblu mhux aktar tard minn 30 jum wara tali notifika li sabiex jikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ, u skont il-każ, sa fejn stabbilit fiha, l-att tal-Unjoni japplika kif emendat jew sostitwit mill-att speċifiku tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 13(3a) tal-Protokoll, mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ lill-Unjoni u lir-Renju Unit.

*Artikolu 2*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara d-data li fiha tkun saret.

Magħmul f'Londra, l-24 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kumitat Konġunt  
Il-Kopresidenti*

Maroš ŠEFČOVIČ  
James CLEVERLY

<sup>(1)</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.